MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 182/2009

Pace & Mercieca Ltd (C3738)
vs
Dream Design Woodworks Limited (C36561)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti, u konfermat bil-gurament minn Alexander Mercieca, li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ tmienja u erbghin elf u tlett Euro u sitta u tletin centezmu (Euro 48,003.36) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u konsenjata li baqghet ma thallsitx, liema dejn huwa cert, likwidu u dovut.

2. Illi ghalkemm interpellata l-istess socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

3. Illi s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddispensa mis-smigh tal-kawza *ai termini* tal-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas is-somma ta' tmienja u erbghin elf u tlett Euro u sitta u tletin centezmu (euro 48,003.36) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata li baqghet ma thallsitx.

Bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull *invoice* rispettiva u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid prezentati kontestwalment kontra l-istess socjeta` intimata li giet ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentat mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Alex Mercieca, Direttur fis-socjeta` rikorrenti Pace & Mercieca Limited u qal li riferibbilment ghal Dream Design Woodworks Limited ikkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata ta' meta gie intavolat ir-rikors guramentat. Zied jghid li bhala stat ta' fatt is-socjeta` intimata ma hallset xejn mill-ammont li kien dovut u ghalhekk kollu ghadu dovut fl-intier tieghu.

Rat li s-socjeta` intimata debitament notifikata ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti filwaqt li qed tiddispensa mis-smigh tal-kawza *ai termini* tal-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, qed tilqa' l-istess talba u qed tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas is-somma ta' tmienja u erbghin elf u tlett Euro u sitta u tletin centezmu (€48,003.36) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata li baqghet ma thallsitx.

Bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull *invoice* rispettiva u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------